MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 98/2003

Emanuel Spiteri

vs

Domenico Savio Spiteri. u
b'degriet tat-3 ta' Diċembru, 2004
ġiet kjamata fil-kawża s-Soċjeta'
"XOFA LIMITED"
ta' Cassar Buildings,
Flat 2, Triq it-Torri, Xlendi.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta :

Illi huwa proprjetarju tal-fond "Laurel Crest" Triq Ras il-Bajjada, Munxar, Għawdex, liema fond imiss ma' Triq privata li tinfed għal Triq Ras il-Bajjada, Munxar, Għawdex;

Illi huwa żmien ilu għamel gandott żgħir fl-imsemmija triq privata u dana bl-iskop illi l-ilma tax-xita jgħaddi mill-imsemmi gandott mingħajr ma jikkawża ħsara fil-proprejta' ta' l-attur;

Illi reċentament u ċioe' fil-ħdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) l-attur intebah illi dakinhar stess il-konvenut tefa' materjal fil-gandott hawn fuq imsemmi b'tali mod illi għalaq l-istess gandott u bidel id-direzzjoni ta' l-ilma tax-xita;

Illi oltre dan il-konvenut tefa' wkoll materjal ieħor fl-istess triq privata u preċiżament fil-parti li tiġi faċċata tal-proprjeta' ta' l-attur;

Illi b'dawn l-atti kommessi da parti tal-konvenut l-attur qed isib diffikulta' sabiex jidħol bil-vettura tiegħu fil-garage proprjeta' tiegħu;

Illi dawn l-atti jikkostitwixxu spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-attur;

Illi minkejja li ġie interpellat diversi drabi, inkluż permezz ta' ittra uffiċċjali, sabiex jisporgi dan l-ispoll, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin meta tefa' materjal fuq il-gandott u fit-triq privata faċċata tal-proprjeta' ta' l-attur, kif hawn fuq spjegat;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, jneħħi l-materjal minnu mitfugħ fuq il-gandott u fit-triq privata faċċata tal-proprjeta' ta' l-attur, u jreġġa' kollox lura għall-istat pristinu tiegħu qabel il-kommissjoni ta' dan l-ispoll;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jagħmel huwa dawk ix-xogħlijiet neċessarji a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tas-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003).

Bl-inġunzjoni tal-konvenut li minn issa huwa mħarrek għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi kif jaf l-attur u bosta nies oħra f'Għawdex, diversi snin ilu l-eċċipjent waqqaf kumpanija bl-isem "Spiteri Holdings Limited" u dejjem jaġixxi tramite din is-soċjeta' kummerċjali. għalhekk, l-eċċipjent proprio m'huwiex il-leġittimu kontradittur ta' l-attur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Illi bla preġudizzju u subordinatament, it-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu respinti peress illi huwa qed jasserixxi li "fil-ħdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) l-attur *intebah* illi dakinhar stess *il-konvenut* tefa' materjal fil-gandott ... *il-konvenut* tefa wkoll materjal ieħor fl-istess triq privata ..." (sottolinear miżjud), u għalhekk la ra lill-eċċipjent jitfa' materjal fil-gandott kif lanqas ma ra lill-ċċipjent jitf' materjal ieħor fl-istess triq privata. Għalhekk, ma jirriżultax li l-attur '*spoliatum fuisse"* mill-eċċipjent.

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2004 li bih ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta' "Xofa Limited."

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess soċjeta' li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' l-attur billi t-triq privata li fiha sar l-allegat spoll m'hiex proprjeta' ta' l-attur.

2. Sussidjarjament l-elementi u rekwiżiti ta' spoll skond il-liġi huma neqsin u ma jeżistux u għalhekk it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa.

3. Fil-meritu, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur.

4. In oltre, mingħajr preġudizzju, fi kwalunkwe każ, l-eċċipjent ma jistax jiġi kkundannat a bażi ta' allegazzjonijiet u assunzjonijiet fiergħa ta' l-attur mingħajr l-iċken farka ta' prova kontra l-eċċipjen li ma kkommetta l-ebda spoll.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-kjamata fil-kawża maħlufa minn Savio Spiteri.

Rat il-verbal tagħha tat-12 ta' Ottubru 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u l-affidavits u dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta’ spoll. Dwar kawża ta’ dan it-tip ġie mfisser illi:

*“In tema legali jingħad li l-‘actio spolii’ hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta’ utilita’ soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f’idejh; b’mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kasazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XX I.II.83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi);…..".*[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

(ii) li gie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla : 12.4.1958 vol. XLII.. II. 975

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus****". Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio,compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima,purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk fil-każ in eżami jeżistux dawn it-tliet elementi. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-attur qed jilmenta minn inċident fejn intefa' materjal f'passaġġ privat li mit-triq iwassal sa quddiem il-proprjeta' tiegħu u f'gandott li huwa kien għamel sabiex l-ilma tax-xita ma jinġabarx fil-proprjeta' tiegħu, imma jibqa' nieżel għat-triq.[4]

Niġu għalhekk minnufih għall-eżami dwar l-eżistenza o meno ta' l-elementi rikjesti f'kawża ta' spoll.

**Il-Pussess:**

Dwar dan l-element sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad:

"*Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espressjoni wżata mill-liġi –"****possession of whatever kind****" – dak li jinteressana f'dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuz; imma pero' teżiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha*

[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5 ta.ed. 1902 Torino, para. 271
[4] ara ritratti ES 1 - ES7 esebit bejn fol. 27 u fol. 28 tal-process.

*qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*."[5]

Fil-każ in eżami jirriżulta illi l-attur juża dan il-passaġġ biex jaċċedi għall-bini li huwa għandu 'l ġewwa mit-triq pubblika u li kien ifforma l-gandott imsemmi sabiex l-ilma tax-xita ma jibqgħax dieħel ġo ħwejjġu, imma jinżel għat-triq. Dan ma ġiex kontestat mill-konvenut jew mis-soċjeta' kjamata fil-kawża, illi jidhru li wkoll kellhom dritt jagħmlu użu mill-istess passaġġ biex jaċċedu għall-propjeta' tagħhom f'dawk l-inħawi fejn għandhom xi dwieli.

**L-iSpoll**:

L-att li minnu qed jilmenta l-attur huwa dak ġia msemmi, u ċioe' t-tfiegħ ta' materjal fil-passaġġ u fil-gandott ta' l-ilma ma' ġemb il-bini tiegħu.

**Iż-Żmien:**

Lanqas hu kontestat illi dan ix-xogħol sar fil-11 ta' Settembru 2003. Infatti l-attur mar jagħmel rapport lill-Pulizija dakinhar stess filgħaxija malli ntebaħ bix-xogħol, u l-Pulizija aċċediet fuq il-post biex issir l-okkorrenza relattiva l-għada filgħodu.[6] Għalhekk il-kawża preżenti, li ġiet intavolata fit-30 ta' Settembru 2003, saret entro t-terminu ta' xahrejn konċess mil-liġi sabiex issir kawża bħal din.

Madankollu, il-konvenut u s-soċjeta' kjamata fil-kawża jiċħdu għal kollox illi huma b'xi mod kienu nvoluti f'dan l-ispoll. Għalhekk huwa ferm importanti f'tali ċirkostanzi illi mhux biss jiġi determinat jekk jeżistux l-elementi normalment rikjesti sabiex tirnexxi kawża bħal din, imma wkoll illi jiġi pruvat fil-grad ta' ċertezza meħtieġa f'kawża ċivili, illi l-konvenuti jew xi ħadd minnhom tassew ikkometta dan l-ispoll jew inkariga lil ħaddieħor biex iwettqu. Infatti l-liġi tagħna tgħid b'mod inekwivoku illi din

[5] Fenech vs Zammit ġia ċitata .
[6] ara l-istess okorrenza Dok. JM 1 a fol 60 - 61 .

il-kawża trid issir kontra "**l-awtur ta' l-ispoll**".[7] Ġie mgħallem a propożitu illi:

"*Giusta l'art. 695 del nostro codice Civile*, (u cioe' l-Kodiċi Ċivili taljan li kien jirreferi għall-kawża ta' spoll), *non si puo' domandare di essere reintegrato nella cosa di cui si e' sofferto lo spoglio se non contro l'autore di esso. Son parole testuali della legge; parole che non possono far sorgere alcuna dubbiezza nella interpretazione del precetto legislattivo*." [8]

Ma ġew prodotti ebda xhieda okulari ta' l-inċident mertu tal-kawża odjerna. L-attur innifsu jammetti indirettament, anke fl-istess premessi taċ-ċitazzjoni tiegħu illi, ma rnexxielux jara lil min wettaq dan l-ispoll. Huwa madankollu kien konvint illi dan ix-xogħol wettqu ħuħ il-konvenut, li kellu wkoll interess jidħol fl-istess passaġġ. Infatti jgħid illi xi żmien qabel il-konvenut kien akkwista inġenji biex ikun jista' jiskava u jqatta l-blat biex iħawwel id-dwieli fir-raba tiegħu fl-inħawi. Għalkemm il-konvenut sew f'ismu proprju, kif ukoll bħala direttur tas-soċjeta' kjamata fil-kawża, kemm fin-noti ta' l-eċċezzjonijiet rispettivi u anke fid-depożizzjoni tiegħu, ċaħad illi dan ix-xogħol kien twettaq minnu, jirriżulta inekwivokament mid-depożizjoni tas-surġent li nvestiga dan il-każ, kif riprodott fl-okkorrenza relattiva, illi meta dan kellem lil Savio Spiteri dwar l-inċident *de quo,* l-għada stess li kien sar ir-rapport lill-Pulizija, dan wieġeb prontament illi : "***Hemmhekk hija art privata u hija ma għandu xejn hemm***" u ma nnegax illi l-ispoll kien twettaq minnu. [9]

F'tali ċirkostanzi l-Qorti hija konvinta fil-grad meħtieġ mil-liġi fil-kamp ċivili, illi kien tassew il-konvenut Savio Spiteri l-awtur ta' dan l-att ta' spoll kontra l-attur għalkemm ma rriżultax x'involviment seta' kellu bħala direttur tas-soċjeta' kjamata fil-kawża.

---

[7] art. 535(I) tal-kap.16 .
[8] Giovanni Lomonaco : Della Distinzione dei Beni e del Possesso - 2da. ed.1922 pag. 449
[9] ara depożizzjoni tas-surġent Joseph Mizzi a fol. 57 tal-proċess, u okkorrenza Dok. JM 1 a fol. 61

Għal dawn il-motivi, billi ġie ppruvat sodisfaċentement li l-konvenut Savio Spiteri wettaq l-ispoll ilmentat mill-attur, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tas-soċjeta' kjamata fil-kawża, tilqa' it-talbiet attriċi u:

1. tiddikjara li l-konvenut, ikkometta spoll vjolenti u klandestin meta tefa' materjal fuq il-gandott u fit-triq privata faċċata tal-proprjeta' ta' l-attur, kif spejgat fiċ-ċitazzjoni;
2. tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar ineħħi l-materjal minnu mitfugħ fuq il-gandott u fit-triq privata faċċata tal-proprjeta' ta' l-attur, u jreġġgħa kollox lura għall-istat pristinu tiegħu qabel il-kommissjoni ta' dan l-ispoll; u

3. fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jagħmel huwa dawk ix-xogħlijiet neċessarji a spejjeż tal-konvenut.

Bl-ispejjeż jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------